Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2008

Numru 979/2008

Il-Pulizija
(Spettur Spiridione Zammit)

vs

Hussein Farah Abdi Risak

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 41949(A) akkuzat talli:

1. fis-6 ta' Ottubru, 2008 ghal habta ta' 2:30p.m. u hinijiet qabel fl-Open Centre Marsa minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioè offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Idriss Sajid Ali skond ma

ccertifika t-tabib Dr. Joseph Zahra Reg. 5151 mill-Isptar Mater Dei;
2. fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi ghamel lil Idriss Sajid ingurji jew theddid mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali;
3. fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, b'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku.

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurtà ta' Idriss Sajid Ali u tapplika l-provedimenti ta' Artikolu 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament u mhux opposta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni huwa nsista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Ikkonsidrat:

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat issibu hati tal-akkuzi kontrih dedotti.

Fir-rigward il-piena. Rat l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat li spjega l-incident. Ikkonstatat li fl-atti m'hemmx esebit ic-certifikat mediku li kien altrimenti jikkostitwixxu prova tal-feriti u jitfa hjiel dwar l-verosimiljanza tal-fatti kif spjegati mill-imputat fl-istqarrija. Mehud dan in konsiderazzjoni u wara li rat l-Artikol 214, 215, 216(1)(a)(i)(ii)(iii), 339(e) u 338 (dd) tal-Kap 9 tiddeciedi li fic-cirkostanzi ghandha tapplika l-Artikolu 22 tal-Kap 446 billi tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' sitt xhur mil-lum.

Tastjeni li tapplika kull provediment iehor.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------